MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Numru 161/2006

**Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Jesmond Portelli**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jesmond Portelli ta’ 35 sena, iben Carmel u Carmela nee’ Mangion, mwieled Pieta’ fil-21 ta’ April 1970 u residenti fil-fond Nru. 30 Triq il-Kbira, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ numru 293770(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fid-9 ta’ Frar 2006, ghall-habta tad-9.30 ta’ filghodu fi Triq Mountbatten Hamrun, ikkommetta serq ta’ stereo, li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta’ mitt lira Maltin izda

inqas minn elf lira Maltin, minn go vettura ta’ l-ghamla Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni LAI832, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Angie Coleiro;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk sar f’ Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta’ serq ikkwalifikat;

3. Rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta nstab hati b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Frar 2006 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta’ Lulju 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta’ stereo minn vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni LAI 832 liema serq sehh fid-9 ta’ Frar 2006 ghall-habta tad-9.30am ghad-dannu ta’ certu Angie Coleiro.

Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fid-9 ta’ Frar 2006 (inserita a fol. 23 sa 25 tal-process) jirrizulta li l-imputat

effettivament ammetta li kien huwa li sgassa l-imsemmija vettura u seraq l-istereo li kien hemm fiha. Mill-istess stqarrija jidher ukoll li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn informa lil Pulizija li kien biegh l-istereo misruq izda ghalkemm ma zvelax l-isem tal-persuna lil min kien bieghu huwa rritorna l-isterjo in kwistjoni lil Pulizija l-ghada li gie interrogat.

Illi l-Prosekuzzjoni resqet diversi xhieda sabiex tikkorobora dak li kien stqarr l-imputat fl-istqarrija tieghu u ghalhekk wara li fliet l-atti l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat in kwantu riferibbli ghal serq bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa izda mhux in kwantu ghal serq bil-valur. Meta xehdet id-derubata Angie Coleiro hija fil-fatt ma kienitx f’pozizzjoni tindika il-valur tal-istereo misruq u l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq kwalunkwe prova ohra rigwardanti l-valur tal-haga misruqa. In kwantu jirrigwarda it-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat, u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni, jidher li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati, u ghalhekk huwa ma jistghax jinstab hati anki tal-akkuza ta’ ricettazzjoni. B’riferenza ghat-tielet(3) akkuza fejn l-imputat jinsab akkuzat li sar recidiv, ingabet id-debita prova tar-recidiva permezz tas-sentenzi esebiti a fol. 27 sa 30 u 32 sa 34 tal-process.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat kiser dufrejgh mal-gustizzja f’aktar minn okkazzjoni wahda u huwa fil-fatt diga’ nstab hati ta’ akkuzi ta’ serq u inghata piena karcerarja effettiva u jirrizulta li prezentement huwa qed jiskonta piena karcerrja. Mill-provi izda rrizulta wkoll li l-imputat kellu problema mill-abbuz tad-droga fiz-zmien li huwa kkommetta r-reat li tieghu qed jinstab hati u rrizulta wkoll li huwa qed isegwi program sabiex jipprova jeghleb din il-problema. Il-Qorti ghalhekk filwaqt li ser timponi piena karcerarja effettiva ser timponi il-minimum permess mill-ligi u dan anki ghaliex l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u rritorna r-res furtiva. Il-Qorti inoltre

tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex jaghti l-assistenza kollha mehtiega lill-imputat sabiex huwa jkun jista’ jkompli l-programm kontra l-abbuz mid-droga li qieghed jaghmel prezentement.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50. 261, 263, 271 u 278 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) akkuza huwa qed jinstab hati limitatament ghal serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija. Stante li jirrizulta li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------